MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 902/2001/1

**Frederic Richard *sive* Rick BRADSHAW**

**vs**

**DIPARTIMENT GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI; Forzi Armati ta' Malta; Dipartiment tas-Saħħa rappreżentat mid-Direttur Ġenerali u Dr. Victoria Ċiantar M.D.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Mejju, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi għall-ħabta tal-4.30 a.m. nhar it-8 ta' Lulju 2000 Marc Bradshaw, iben l-atturi, akkompanjat minn żewg żgħażagħ oħra, waqfu fl-inħawi ta' l-Aħrax tal-Mellieħa biex jaraw ix-xemx tiela'. Waqt li kienu mexjin viċin ix-xifer, l-imsemmi Marc Bradshaw waqa' għal isfel u niżel diversi metri. Meta waslu fuq il-post xi ħbieb oħra, Andrea

Pace (li hija Nurse kwalifikata), Richard Bonello u Simon Debono ixxabtu mal-blat sabiex niżlu jippruvaw isalvawh;

Illi meta dawn waslu ħdejn Marc Bradshaw, sabu li, minkejja l-ġrieħi li sofra, kien għadu ħaj u għalhekk bdew jagħmlu sforz sfrenat biex jippruvaw isalvawlu ħajtu;

Illi l-awtoritajiet konvenuti, għalhekk ġew avżati dwar il-ħtieġa tas-servizzi tas-salvataġġ, urew nuqqas ta' ħila, inadegwatezza, trakuraġni u anke nuqqas ta' professjonalita' fis-sengħa tagħhom, u dan kif jiġi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi meta Marc Bradshaw ittella' fuq l-irdum, sagħtejn wara li waqa', irriżuilta li kien leħaq miet, u dan kien dovut in parti għad-dewmien biex jirċievi t-trattament mediku li kien jeħtieġ;

Illi hekk kif Marc Bradshaw ittella' fuq l-irdum u ġie ċċertifikat mejjet, l-Ambulanza telqet minn fuq il-post bit-tabib u l-parmediċi, u abbandunat lil Andrea Pace, Richard Bonello u Simon Debono mingħajr assistenza u mingħajr ma biss stenniet li jitilgħu jew jittellgħu mill-post fejn kien waqa' Marc Bradshaw, u dan meta kien ċar għal kulħadd li dawn it-tlieta kienu qegħdin ibatu minn xokk qawwi, eżawriment u *dehydration*;

Illi fost is-sinjali ta' nuqqas ta' ħila, inadegwatezza, traskuraġni u nuqqas ta' professjonalita' kien hemm:

1. in-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn is-servizzi ta' salvataġġ;

2. ir-rifjut tal-Forzi Armati ta' Malta li jittajjar il-helicopter, minkejja l-emergenza estrema, minħabba d-dlam u l-konsegwenti dewmien biex jasal il-helicopter mingħajr tabib abbord, li kien indispensabbli biex Marc Bradshaw jittella' mill-post fejn waqa';

3. il-verifika esagerata permezz ta' tliet telefonati biex jiġi assigurat li t-talba għas-servizzi ta' salvataġġ kienet genwina, bil-konsegwenti telf ta' ħin vitali;

4. waqt li t-tliet żgħażagħ kienu qegħdin jagħmlu l-isforzi tagħhom kollha biex isalvaw il-ħajja ta' Marc Bradshaw, is-servizzi ta' salvataġġ, inkluzi l-membri tad-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili, naqsu li jinzlu biex jagħtu l-għajnuna u għal ħin twil ħallew kull tentattiv ta' salvataġġ kif ukoll ir-responsabbilta' għas-salvataġġ fuq spallejn dawn it-tliet żgħażagħ;

5. meta aktar tard tnizzel membru wieħed biss tal-Forzi Armati (Bdr Xuereb) ħdejn iż-żgħażagħ, dan la kellu mezz ta' komunikazzjoni u lanqas 'neck support collar' biex ma tiġix kawżata aktar ħsara lill-vittma;

6. in-nuqqas ta' 'stretcher' adegwat u l-fatt li l-pazjent tħalla mdendel f'posizzjoni vertikali għal żmien konsiderevoli, b'rasu tixxengel min-naħa għall-oħra;

7. il-fatt li ż-żagħżagħ lanqas ġew provduti b'mezz ta' komunikazzjoni biex jingħataw struzzjonijiet mit-tabiba dwar x'kellhom jagħmlu aktar;

8. il-fatt li meta ttella' Marc Bradshaw fuq l-irdum u ġie ċċertfikat li kien mejjet, it-tabiba u l-Ambulanza telqu minn fuq il-post u ħallew mingħajr assistenza medika lit-tliet żgħażagħ;

Illi l-esponent sofra danni u l-awtoritajiet konvenuti naqsu li jammettu ebda responsabblita' għall-falliment tas-servizzi ta' salvataġġ;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara lill-awtoritajiet konvenuti responsabbli għal nuqqas ta' ħila, inadegwatezza,

traskuraġni u anke nuqqas ta' professjonalita' fis-sengħa tagħhom, u dan riferibilment għall-każ ta' Marc Bradshaw;

2. Tiddikjara lill-awtoritajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;

4. Tikkundanna lill-awtoritajiet konvenuti jew min minnhom biex iħallsu d-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta’ Ġunju, 2001, li biha l-imħarrek Direttur tal-Protezzjoni Ċivili eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok iċ-ċitazzjoni hija nulla in kwantu l-artikolu 181B tal-Kap 12 jipprovdi li huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li għandu r-rapprezentanza tad-dipartiment partikolari mentri d-dipartiment m'għandux personalita' ġuridika distina;

2. Illi subordintament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, t-talbiet kollha ta' l-attur fil-konfront ta' l-eċċipjent huma bla fondament fattwali u ġuridiku in kwantu s-subordinati tiegħu aġixxew bl-akbar professjonalita', skond il-liġi u b'sogru għall-ħajjithom fit-tentattiv tas-salvataġġ;

3. Illi kienu biss u unikament it-traskuraġni, in-nonkuranza u l-isbatataġini ta' Marc Bradshaw li f'dawk il-ħinijiet ta' dlam ċappa u f'dawk l-aggwati inerentement perikoluzi wasslu għall-mewt tiegħu;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Direttur tal-Protezzjoni Ċivili;

Rat in-Nota mressqa fit-22 ta’ Ġunju, 2001, li biha t-Tabib Ewlieni tal-Gvern u t-Tabiba Victoria Ċiantar eċċepew:

1. Illi preliminarjament r-rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Saħħa hija fdata f'idejn it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u mhux d-Direttur Generali u dan ai termini ta' l-Ordinanza dwar il-kostituzzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa;

2. Illi subudinament u mingħajr preġudizzju għal premess huma ma rrekawx l-ebda danni lill-attur u għalhekk ma għandhom xejn xi jħallsu f'rizarċiment;

3. Illi subudinament u mingħajr preġudizzju għal premess stante illi ma kienx hemm nuqqas ta' diligenza jew nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni huma ma jirrispodux għal danni;

4. Illi subudinament u mingħajr preġudizzju għal premess illi in kwantu diretta kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern l-azzjoni hija karenti min fondament ġwidiku stante li fil-konfront ta' dan il-konvenut lanqas biss ma hija allegata l-"culpe in eligendo";

5. Illi l-pretenzjonijiet vantati mill-attur fil-konfront tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u Dr. Victoria Ciantar huma fi kwalunkwe każ għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija mħarrkin Tabib Ewlieni tal-Gvern u Tabiba Ċiantar;

Rat in-Nota mressqa fis-27 ta’ Ġunju, 2001, li biha l-Kmandant tal-Forzi Armati eċċepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet ivvantati fil-konfront tal-eċċipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi bl-ebda mod ma kien hemm nuqqas ta' ħila, inadegwatezza, traskuraġni, u nuqqas ta' professjonalita' fis-sengħa tal-membri tal-Forzi Armati fil-ħidma ta' salvataġġ ta' Marc Bradshaw;

2. Illi huwa jirrifjuta kull responsabbilta' għall-mewt ta' Marc Bradshaw;

3. Illi huwa mhuwiex responsabbli għad-danni u ma għandux ibati spejjeż;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Kmandant tal-Forzi Armati;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2001, u d-Degriet tagħha ta' dak inhar li bih ordnat it-tiswija ta' żball fl-isem tal-attur fl-Avviż tas-Smigħ u fil-listi tal-kawżi;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Novembru, 2001[1], li fih l-avukati tal-attur talbu bdil fl-atti tal-kawża, għal liema talba l-avukati tal-imħarrkin opponew;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Novembru, 2001, li bih il-Qorti tat lill-partijiet żmien biex iressqu sottomissjonijiet tagħhom dwar it-talba tal-attur;

Rat in-Nota mressqa mid-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili fit-18 ta' Diċembru, 2001[2], dwar it-talba tal-attur;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fid-19 ta' Diċembru, 2001[3], bis-sottomissjonijiet tiegħu dwar it-talba tiegħu;

[1] Pa[[. 23-4 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 26-8 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 29 sa 32 tal-pro`ess

Rat in-Nota mressqa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern fil-11 ta' Ġunju, 2002[4], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2002,li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet ta' nullita' tal-atti mressq minn uħud mill-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni. Iben l-attur miet wara waqgħa minn irdum fil-limiti tal-Mellieħa fit-8 ta' Lulju, 2000, u missieru qiegħed iżomm lill-imħarrkin responsabbli għall-mewt ta' ibnu dwar nuqqasijiet li hu jixlihom bihom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Imma l-imħarrek Direttur tal-Protezzjoni Ċivili ressaq eċċezzjoni preliminari dwar is-siwi tal-att taċ-ċitazzjoni, b'mod partikolari għaliex qiegħed jgħid li l-kawża saret kontra persuni li ma teżistix;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni preliminari, u wkoll fid-dawl tat-talba li saret mill-attur waqt is-smigħ tal-14 ta' Novembru, 2001, għall-bdil fl-atti tal-kawża;

Illi, fil-fatt, l-attur ħarrek, fost l-oħrajn, lid-"Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili" u lill-"Forzi Armati ta' Malta", imma meta tressqu l-eċċezzjonijiet rispettivi ta' dawn iż-żewġ imħarrkin, l-atti ġew intestati, rispettivament, "Nota tal-Eċċezzjonijiet tad-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili" u "Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-Kmandant tal-Forzi Armati". Ta' min jgħid ukoll li kien tal-ewwel biss li qanqal l-eċċezzjoni li l-att taċ-ċitazzjoni ma jiswiex għaliex imressaq kontra

[4] Pa[. 36 tal-pro`ess

Dipartiment li m'għandux personalita' ġuridika. Dawn l-osservazzjonijiet qegħdin isiru għaliex jistgħu jkunu ta' siwi kbir fis-soluzzjoni tal-eċċezzjoni u tat-talba tal-attur biex isiru l-bidliet minnu mitluba;

Illi biex wieħed jista' japprezza sewwa xi jfissru l-eċċezzjonijiet taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet _Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino_[5];

Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;
Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li tagħmel ħaqq mal-perikolu li ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;

---

[5] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)

Illi, meta wieħed iħares b'reqqa lejn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 175, għandu jsib li s-setgħat ta' qorti li tilqa' talba (jew ukoll li minn rajha hekk tordna) biex isir bdil fl-atti hija wiesgħa tassew, u l-kliem tal-liġi sa hemm m'għandhomx għaliex joħolqu problemi ta' tifsira;

Illi l-mod kif l-imsemmi artikolu 175 huwa mfassal illum, kull tiswija jew żieda f'att tal-kawża jista'jsir f'kull waqt tal-kawża. Tali tibdil jikkonsisti mhux biss fit-tiswija ta' żball imma wkoll bdil fl-atti b'mod li jistgħu jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt li jkunu pertinenti u rilevanti għall-mertu li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ fil-kawża. Il-limitazzjoni waħdanija li l-artikolu 175 jagħmel fuq is-setgħa tal-Qorti u min jagħmel talba għall-bdil jew tiswija tal-att hu li t-tibdil ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fil-mertu tal-kawża. Għalhekk, hi lejn is-sustanza ta' l-azzjoni li l-Qorti trid tħares biex tara jekk hux il-każ li tilqa' jew le talba għat-tiswija, bidla jew żieda f'att tal-kawża[6];

Illi dak li joħloq diffikulta' huwa x'tifsira għandha tingħata lill-parti tal-artikolu 175(1) li tillimita dik is-setgħa, u b'mod partikolari x'tifhem il-liġi bil-kliem "sustanza tal-azzjoni" jew x'inhi bidla fl-eċċezzjoni fuq il-mertu. Dwar din tat-tieni, ġie mfisser[7] li l-fatt waħdu li l-iżball ikun ġie msemmi f'eċċezzjoni, ma hux ta' xkiel biex tintlaqa' talba għat-tiswija tiegħu, u dan għaliex ma jagħmilx sens li żball jista' jissewwa jekk ma tingħatax eċċezzjoni dwaru iżda ma jistax jissewwa jekk l-eċċezzjoni ssir[8] ! Għaliex eċċezzjoni li tiġbed l-attenzjoni għal żball fl-att imressaq mill-attur ma ssirx, b'daqshekk biss, eċċezzjoni fil-mertu dwar l-azzjoni attriċi, billi l-iżball m'huwiex il-qofol tal-azzjoni;

Illi għalhekk, huwa meħtieġ li wieħed jara xi trid tfisser il-liġi meta ssemmi "s-sustanza tal-azzjoni". Fil-fehma tal-Qorti, bidla ta' sustanza sseħħ meta tintalab li ssir bidla fit-talbiet tal-attur b'mod li n-natura nnifisha tal-azzjoni jew motiv ewlieni li jsejjisha, jinbidlu b'oħrajn;

---

[6] App. ~iv. **18.2.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Walsh's Limited vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (mhix pubblikata)
[8] App. Kumm. **12.12.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Calabrese noe vs E. Bi[eni et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.256**)
[8] P.A. **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Grixti vs Demicoli |ammit*** (Kollez. Vol: **XLII.iii.1159**)

Illi, fil-każ preżenti, s-sustanza tal-azzjoni mhi bl-ebda mod sejra tinbidel jekk it-talba tal-attur għall-bidla fl-att taċ-ċitazzjoni tintlaqa';

Illi d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, fin-Nota tiegħu, jinsisti li fil-konfront tiegħu l-att taċ-ċitazzjoni ma jiswiex u li n-nullita' mnissla mill-mod kif tħarrek id-Dipartiment ma tistax tissewwa, anzi hija nuqqas ta' ordni pubbliku li jikser partikolarita' essenzjali fil-liġi. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument, l-aktar għaliex l-artikolu 789 innifsu jagħmilha ċara li eċċezzjoni ta' nullita' minħabba ksur ta' xi partikolarita' essenzjali tal-att lanqas biss tista' tingħata jekk in-nuqqas jew ksur jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni tal-liġi[9]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, l-ewwel ħaġa li wieħed irid iqis hu jekk l-att jistax jiġi msewwi taħt xi dispożizzjoni ta' xi liġi fis-seħħ, u mbagħad f'każ li ma jistax, wieħed iqis l-eċċezzjoni. Dan jixhed ukoll safejn jista' wieħed jgħid li n-nullita' tal-għamla mqanqla mid-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili hija ta' ordni aktar pubbliku mill-provvediment espress tal-liġi proċedurali;

Illi l-liġi tqis ukoll jekk il-bidliet li jsiru jkunux qegħdin jaffettwaw l-eċċezzjoni. Sa ma saru r-riformi fil-liġi proċedurali fl-1995, jekk il-bidla fl-atti kienet tolqot eċċezzjoni (donnu wkoll waħda preliminari), il-bidla ma setgħetx tintlaqa'. Minbarra dan, jekk l-eċċezzjoni kienet waħda minn dawk li l-liġi tgħid[10] li trid tiġi deċiża b'kap għaliha, ma kienx imħolli lill-Qorti li tikkonsidra talba għall-bidla fl-atti ipprovokata sewwasew minħabba eċċezzjoni bħal dik, qabel ma l-Qorti tkun iddeċidiet dwar eċċezzjoni bħal dik[11]. Iżda l-liġi m'għadhiex tgħid hekk illum, u l-Qorti tifhem li l-leġislatur wera li jrid li eċċezzjoni li iżżomm milli ssir bidla f'att ġudizzjarju trid tkun "eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża"[12] u mhux kull eċċezzjoni, ukoll, fil-fehma tagħha, jekk tkun waħda perentorja tal-ġudizzju;

[9] Proviso g]all-artikolu 789(1) tal-Kap 12
[10] Art. 730 tal-Kap 12
[11] Ara App. Kumm. **20.3.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Dr. Eric Mamo noe vs Bernard Ellul Sullivan et***
[12] P.A. RCP **10.6.1999** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Francesco Saverio Sammut et vs Kumitat Mosta tal-Partit tal-}addiema et*** u l-g]add ta' sentenzi hemm imsemmija

Illi, minbarra dan, b'tali bidla kif mitluba mill-attur f'din il-kawża, lanqas sejra tintlaqat remotament l-eċċezzjoni ta' xi wieħed u waħda mill-persuni mħarrkin fil-mertu. Ta' min jgħid li żieda ta' parti u t-tqegħid ta' parti oħra flokha huwa wieħed miċ-ċirkostanzi kontemplati mill-artikolu 175. F'dan il-każ, il-bidliet mitluba m'humiex sejrin iżidu xi parti oħra fil-kawża, imma qegħdin biss jlaħħmu f'persuna fiżika lill-enti mħarrek, kif wara kollox l-istess persuni għamlu fin-Noti tal-Eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom stess;

Illi, dan kollu li ngħad jgħodd ukoll għar-raba' eċċezzjoni mressqa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, safejn dik l-eċċezzjoni tista' titqies immirata għan-nullita' tal-azzjoni attriċi. Jidher, madankollu, li din l-eċċezzjoni toqrob iżjed lejn kwestjoni ta' interess tal-eċċipjenti bħala kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi, milli dwar is-siwi formali tal-att taċ-ċitazzjoni. Għalhekk, fl-istadju li tinsab fiha l-kawża, għadu kmieni biex il-Qorti tiddeċiedi din ir-raba' eċċezzjoni, qabel ma ssir trattazzjoni ulterjuri tal-każ, u l-Qorti ma trid bl-ebda mod tippreġudikaha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tad-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, bl-ispejjeż kontrih, u tiddikjara li l-att taċ-ċitazzjoni jiswa;

**Tipprovdi** dwar it-talba mressqa mill-attur waqt is-smigħ tal-14 ta'Novembru, 2001, billi tilqa' t-talba tiegħu u tordna li jsiru l-atti tal-kawża jirriflettu l-bidliet kif mitluba mill-attur, u li l-atti tal-kawża kif mibdula jiġu notifikati lill-partijiet l-oħrajn; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 ta' Novembru, 2002**